TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 96/19/F

**David Borg**

**vs**

**Continental Cars Limited**

Illum, 8 ta' Mejju 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-8 ta' Awwissu 2019;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar il-5 ta' Settembru 2019;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Ikkonsidra:**

Illi filwaqt li jallega li l-azjenda intimata għamlet ħsarat fl-intern u partijiet oħrajn tal-vettura tiegħu VW Touareg meta huwa afdaha għandha għal xi tiswijiet, permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata (i) twettaq ix-xogħlijiet riparatorji neċessarji fuq il-vettura tiegħu bla ħlas, jew alternattivament, (ii) li tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' tlett elef, tlett mija u ħamsin Euro (€3,350.00) rappreżentanti il-valur tal-*ispare parts* li hemm bżonn jinbidlu, u dan skont il-prezzijiet kwotati mill-azjenda intimata stess.

Illi tramite r-Risposti li hija ppreżentat, l-azjenda intimata tikkontesta t-Talba tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għalhiex, skont hi, qatt ma kkaġunat l-ebda ħsara fil-vetura mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent spjega li għalkemm il-vettura hija tat-tifel tiegħu Antoine Borg, dejjem tkellem mal-azjenda intimata u ppreżenta ruħu bħala l-klijent

hu. Stqarr li huwa kien ħa l-vettura in kwistjoni għand l-azjenda intimata, bħala aġent tad-ditta VW, għal xi tiswijiet fis-sistema tal-*air conditioning, electric windows, parking sensors* u *handbrake cable.* Ta' dan ix-xogħol ħallas is-somma ta' elfejn, tmien mija u sebgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€2,870.35). Wara li kien ġabar lura l-vettura, induna li kien hemm biċċa mit-*trim* tal-bieba, id-*dashboard*, ix-xibka u l-i*stereo display* danneġġjati. Afferma li meta l-vettura ddaħħlet għat-tiswija, din ma kellhiex dawn il-ħsarat. Spjega li kien hemm xi ħsarat oħrajn li sussegwentament kienu ġew irranġati u li allura din it-Talba tikkonċerna speċifikament il-*flap* tad-*dashboard, outlet, a/c display* u *door trim* kif ukoll il-prezz tal-*labour* rikjest li huwa tlett mitt Euro (€300.00), dwar liema kien baqa' bla tweġiba u rimedju minn naħa tal-azjenda intimata. In kontro-eżami, ikkonċeda li l-azjenda intimata kienet għamlitlu offerta li tħallsu nofs l-ammonti rappreżentanti r-riparazzjonijiet iżda huwa ma aċċettax.

Illi xehed ukoll Antoine Borg, is-sid tal-vettura, li tista' tgħid ikkonferma l-verzjoni tal-fatti mogħtija minn missieru.

Illi xehed ukoll Alan Caruana f'isem l-azjenda intimata. Il-verzjoni tiegħu tal-fatt ma tiddiverġix wisq minn dik mogħtija mir-Rikorrent, biss jagħeml rimarka imporanti fis-sens li minħabba li l-vettura in kwistjoni kellha 17-il sena, kien wissa lir-Rikorrent li normalment, ċertu xogħol ma jagħmluhx fuq karozzi ta' dik l-età minħabba li ċertu partijiet tal-plastik ikunu saru aktar vulnerabbli għall-ksur. Ix-xhud saħaq li f'din it-telefonata, ir-Rikorrent xorta kien aċċetta li jsir ix-xogħol minkejja t-twissija. Jirribatti ukoll li l-ħsara fid-*display* hija *fault* komuni fil-mudell ta' vettura konċernat u allura, mhuwiex minnu li ġiet danneġġjata waqt ix-xogħol. In kontro-eżami, ix-xhud ikkonċeda li ma kienx hemm xi klawżola ta' eżoneru stipulata bil-miktub tenut kont l-età tal-vettura in kwistjoni.

Illi sa ċertu punt, it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tar-Rikorrent li in prinċipju, l-azjenda intimata kienet aċċettat ir-responsabbilità (għal aktar minn darba) li ssewwi l-ħsarat ikkaġunati mill-ħaddiema tagħha waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol u kien biss wara li rrealizzat kemm fil-fatt kienet ser titla' l-ispiża biex jissewwa kollox li bdiet sforzi biex teżonera ruħha minn ċertu elementi li kien hemm bżonn jiġu ndirizzati.

Illi madankollu, jibqgħu ċerti dubbji dwar jekk hux il-ħsarat kollha lamentati ġewx effettivament ikkaġunati waqt li l-vettura kienet għat-tiswija għand l-azjenda intimata. Fil-fehma tat-Tribunal, hemm limitu kemm ċerti aspetti jistgħu jissewew perfettament u jiġu qishom ġodda fuq vettura li għandha żmien konsiderevoli. Biss ladarba aċċettat l-inkarigu li twettaq tiswijiet fuq il-vettura, l-azjenda intimata intrabtet li tagħmel dan ix-xogħol skont l-arti u s-sengħa u mingħajr ma tagħmel ħsara ulterjuri fil-vettura.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jgħidx li ma jaqbel xejn mal-linja difensjonali meħuda mill-azenda intimata msejjsa fuq l-Artikolu 1901 tal-Kodiċi Ċivili li ankè li kieku stess saret ħsara fit-tiswija, l-azjenda hija eżonerata "billi d-depożitarju ma jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru b'forza maġġuri". Fil-fehma konsiderata tat-Tribunal, aktar milli depożitarja, l-azjenda intimata hija appaltatur u l-ġurisprudenza tagħna tgħallem li in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li juri difetti. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra mifteħma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li *"l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria"* (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Illi għalhekk, in prinċipju, dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala konsumatur għax hu, ladarba inkariga lill-azjenda intimata sabiex twettaq ix-xogħol fuq il-vettura, kellu kull dritt li jippretendi li dan ix-xogħol, fil-limiti tal-possibilità u tar-raġjonevolezza, isir sewwa u mingħajr ma jiġu kkaġunati ħsarat ġodda lill-vettura.

Illi meqjusa l-provi kollha ppreżentati u l-verżjonijiet taż-żewġ partijiet, fuq bażi ta' probabbilità, it-Tribunal jinklina li jemmen il-verżjoni tar-Rikorrent li fil-fatt ġew ikkaġunati xi ħsarat waqt il-perkors tax-xogħlijiet fuq il-vettura u dan huwa korroborat mhux ftit bil-fatt li l-azjenda intimata aċċettat li tagħmel xi xogħlijiet rimedjali mingħajr pretiża ta' ħlas.

Illi mill-atti jirriżulta li ħadd mill-Partijiet ma talab li jiġi inkarigat espert tekniku sabiex jevalwa l-kwalità *o meno* tat-tiswijiet imprenduti fuq il-vettura in kwistjoni u l-estent u l-oriġini tal-ħsarat lamentati mir-Rikorrent. Għalhekk, it-Tribunal huwa kostrett jgħaddi biex jillikwida l-kumepens dovut fuq bażi ta' *arbitrio boni viri.*

Illi fi kliem il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi *"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato"* (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi wara li qies sewwa l-provi in atti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal, filwaqt li jqis li ma huwa xejn idoneju li l-vettura tiddaħħal lura għax-xogħlijiet fil-garaxx tal-azjenda intimata, qiegħed għalhekk jillikwida l-kumpens pekunjarju dovut lir-Rikorrent mill-azjenda intimata għall-ħsarat kaġunati waqt ix-xogħol fis-somma ta' elf Euro (€1,000.00).

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma komplessiva ta' elf Euro (€1,000.00) u dan fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***